SANTA LUĊIJA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Luċija**

**Is-Seba' Leġislatura**
**Laqgħa Numru 26-17**

**27 ta' Frar 2017**

Il-Kunsilli Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol Santa Luċija fil-4.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Terrence Ellul – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Liam Sciberras – Kunsillier
Caroline Galea – Kunsillier
Joe Bonello - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Caroline Silvio – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Terrence Ellul ippresjeda l-laqgħa.

**26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

26.1.1 Is-Sindku qara *e-mail* tal-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ li nfurmat li ma setgħetx tattendi minħabba li għandha l-eżamijiet.

26.1.2 Il-Kunsillier Liam Sciberras informa l-Kunsill li kien ser jasal xi ftit tard għax jinsab maqbud fit-traffiku.

Il-Kunsillier Liam Sciberras wasal għall-laqgħa fil-4.45p.m.

**26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

***26.2.1 Minuti numru 24-17 (25-01-2017)***

**26.2.1.1** Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferiet għall-minuta 24.2.1 u staqsiet jekk il-Bord tal-Governanza kienx ġie nfurmat bil-ksur tal-Bye-Laws fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hi kienet infurmat lid-Dipartiment għal Gvern Lokali u l-każ qiegħed f'idejn il-*monitoring unit* tal-istess Dipartiment.

**26.2.1.2** Il-Viċi Sindku rrefera għal minuta 24.2.1 u staqsa jekk kinetx inbagħtet ittra lil individwu li għamel il-*music video* fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li iva u saret kopja tal-*e-mails* relatata ma' dan il-każ. Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet mit-tweġiba li nbagħtet min dan l-individwu jidher li l-ispjega hija ċara dik ta' *misunderstanding* intern. Hija qalet li rridu nirrikonoxxu n-nuqqasijiet li għandna f'dan il-Kunsill. Il-Viċi Sindku indirizza lis-Sindku u qallu lid-deċiżjoni kien ħadha waħdu kif għamel fil-każ tal-Euro 2016. Huwa ġab paragun dwar meta fis-sena 2014 intuża l-Ġnien biex fih inġibdu ritratti ta' immudellar u tħallset is-somma ta' €250. Huwa qal li dakinhar tħallsu l-flus minkejja li konna qed ngħinu talent lokali. Semma wkoll l-attivita' li saret fis-sena 2015 fejn tħallset is-somma ta' €1500.00 għal użu tal-Ġnien minkejja li dakinhar l-attivita' saret b'risq Marigold Foundation. Huwa qabbel dan il-każ mal-attivita' taċ-Chinese Food Festival li għax sar b'risq Puttinu Cares, l-organizzaturi ma kienu ħallsu xejn. Huwa rrefera għal *video* mużikal li nġibed fil-Ġnien u qal li l-Kunsill ma kienx infurmat b'dan, u r-responsabbilta' ta' dan il-każ u ta' dak tal-Euro 2016 trid tintrefa'mis-sedja.

Is-Sindku qal li l-korripondenza fil-każ tal-*video* mużikali daħlet fil-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jirriżulta li l-unika *e-mail* li daħlet il-Kunsill kienet dik tat-23 ta' Novembru 2016, jumejn xogħol biss qabel sar dan il-*video* u din kienet indirizzata lis-Sindku. Hija qalet li l-*e-mails* dwar il-kordinazzjoni biex isir dan il-*video* kienu mibgħuta biss lis-Sindku u d-dati jmorru lura sa x-xahar ta' Ottubru 2016.

Tkellem il-Kunsillier Liam Sciberras u rrefera għat tweġiba għall-*e-mail* li bagħt il-Kunsill lil dan il-kantant dwar il-ħlas dovut u qal li jasal biex jifhem lil min għamel il-video mużikali. Huwa qal li biss dan l-individwu setgħa aċċessa l-Bye-Law li hija pubblika u *online*. Il-Viċi Sindku qallu li trid tgħid ukoll x'hemm fl-*e-mail* dwar ir-responsabilta'. Il-Kunsilliera Galea qalet li dak li jrid jgħid il-Kunsillier Sciberras kien li dan l-individwu assuma li la kien ftiehem mas-Sindku dan ma kellux bżonn ta' permess.

Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li kull meta ssir talba għall-użu tal-Ġnien, mill-ewwel tintbagħt kopja tal-Bye-Laws. Hija qalet li jkun hemm min jaqbel li jħallas il-ħlas dovut u jipproċedi u jkun hemm min ma jkunx irid iħallas u jieqaf hemm. Hija qalet li dan l-individwu ma kellux din l-*option* għax ħadd ma nfurmaħ bil-Bye-Laws, iżda kellu l-permess tas-Sindku.

Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li l-korrispondenza li nbagħtet mill-assistent ta' dan il-kantant għandha tiġi annessa mal-Minuti. Kompliet id-diskussjoni u l-Kunsill qabel li għandha terġa tintbagħt ittra lil dan il-kantant fejn jiġi spjegat lilu l-proċedura u li fiċ-ċirkostanzi l-Kunsill qed jesiġi li għandu jħallas l-ammont ta' 250 ewro dovut għall-ewwel siegħa u li fiċ-ċirkustanzi l-Kunsill mhux ser joqgħod jidħol fid-dettal dwar kemm dam.

**26.2.1.3** Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 24.2.4 u staqsa jekk kienx iżżarma l-armar tal-Milied fil-Ġnien tal-Iskultur u l-Picnic Area. Is-Sindku wieġeb li qed jiżżarma. Il-Viċi Sindku qallu biex iqabbad il-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill. Il-Kunsilliera Galea qalet li biex tela,' tela' malajr. Is-Sindku qal li kien ilu minn Ottubru 2016 li beda l-armar. Il-Kunsilliera Galea staqsiet x'inhuma d-diffikultajiet għax issa wasalna sa l-aħħar ta' Frar 2017. Hija qalet li l-post kien ġnien, spazju miftuħ. Hija qalet li dan kollu juri l-inefficjenza ta' dan il-Kunsill. Is-Sindku qal li min rama qed iżarma. Huwa qal li mhux ser iħalli ħaddiema jidħlu hemm sakemm jiżżarma d-dawl. Il-Kunsilliera Galea talbet data meta ser jiżżarma l-armar. Hija qalet li tħoss li mhux qed titlob ħafna u tispera li laqgħa oħra ma jkollniex għalfejn nitkellmu fuq dan l-*item*.

**26.2.1.4** Il-Viċi Sindku rrefera għall-minuta 24.2.1 u staqsa jekk is-Sindku kienx ġab l-irċevuta' tal-ġabra b'risq Puttinu Cares. Is-Sindku qal li ser tkun għandu nhar it-Tnejn li ġej.

**26.2.1.5** Il-Viċi Sindku irrefera għall-minuta 24.3.2 u qal li fuq din l-ispiża m'hemmx approvazzjoni għax l-ordin ta' dan is-servizz ma sarx skond il-proċedura. Huwa qal li għalih kienet xi ħaġa mbarrazanti li jitkellem fuq hekk. Huwa staqsa għaliex is-Segretarju Eżekuttiv ma' kienetx infurmata b'din l-ordni ta' xogħol. Kompliet id-diskussjoni u s-Segretarju Ezekuttiv qalet li hi rciviet din l-*invoice* u għax l-ordni ta' xogħol saret b'mod irregolari hija resqet dan il-kaz għall-attenzjoni tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku qal li teknikament saru ordnijiet ta' xogħol mingħajr ma kienet infurmata is-Segretarju Ezekuttiv u staqsa għaliex ġara hekk.

**26.2.1.6** Il-Minuti 24-17 ġew approvati kif emendati.

***26.2.2 Minuti numru 25-17 (9 ta' Frar 2017)***

***26.2.2.1*** Il-Kunsillier Liam Sciberras irrefera għall-minuta 25.2.2 u rrefera għal proġett tal-Jogging Track u qal li hemm bżonn li l-Kunsill jaħdem fuq id-diżlivelli u nagħtuhom priorijta'. Il-Kunsilliera Caroline Galea irreferit għall-ittra li tidher fil-Mail-In. li nbaghtet mir-resident u lis-suġġett tagħha kien il-Jogging Track. Inġibet l-ittra li rreferit għaliha s-Sinjura Galea u s-Sindku qraha lil Kunsill. Ġie nutat li min kiteb talab li jiġu rrangati l-*exercise stations* għax peress li saret *platform* taħtom dawn tbaxxew u iktar jistgħu jkunu ta' ħsara milli ta' ġid għas-saħħa. Is-Sindku qal li l-*exercise stations* li qed issir referenza għalihom huma *adjustable* u diġa qed jiġu rranġati. Qamet diskussjoni dwar meta ħa jkun lest dan il-proġett. Is-Sindku qal li Sport Malta irridu ngħidulhom aħna meta ħa nlestu l-pendenzi li għandna. Il-Kunsill iddiskuta il-pendenzi u s-Segretarju Eżekuttiv infurmat dwar fhix waslu l-affarijiet fuq dak li jonqos isir fil-Jogging Track minn naħa tal-Kunsill. Fir-rigward tal-bankijiet bħal dawk li hemm fir-*reading corner* hija qalet li l-orħos kwotazzjoni kienet tammonta għas-somma ta' €250.00 għall-injam ta' ħames bankijiet u €40.00 biex jinxtraw il-knatan tal-ġebel għalihom. Hija qalet li issa li l-Kunsill iddeċieda li jrid li l-bankijiet ikunu bid-dar minħabba l-anzjani, hija kienet ser terġa tiġbor kwotazzjonijiet għalihom. Fir-Rigward tal-konnessjoni tal-*water fountains* is-Segretarju Eżekuttiv qalet li leħqet ġabet żewġ kwotazzjonijiet waħda għas-somma totali ta' €607.00 li tinkludi *trenching* fil-ħamrija, *fittings* u tqegħid tal-*pipe* u *connections* u ma tinkludix *trenching* fil-passaġġi tal-*concrete*. Hija qalet li l-kwotazzjoni l-oħra hija ftit vaga għax fuq ix-xogħol ta' *trenching* ingħatat rata ta' €19.00 metru jimxi. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li l-perit qed iħejji BOQ biex jinġabru aktar kwotazzjonijiet. Qamet diskussjoni dwar jekk ix-xogħol tat-*trenching* fil-ħamrija jistax isir mill-ħaddiema li għandu assenjati miegħu l-Kunsill u s-Sindku qal li jekk il-kuntrattur jimmarkalhom minn fejn irid jgħaddi l-*pipe* ix-xogħol ta' *trenching* jagħmluh il-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsillier Sciberras u l-Kunsilliera Galea tkellmu fuq l-istat li jinsab fih il-wiċċ tal-ħamrija. Qamet diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li probabbli li fil-kuntratt hemm inkluż ir-*reinstatement* tal-ħamrija. Is-Sindku qal li l-*prunning* tas-siġar sar mill-ELC Ltd u staqsa jekk kienx ser jinżraw fjuri. Fir-rigward tal-*bins* is-Segretarju Eżekuttiv qalet li fuq talba tas-Sindku l-kumpanija GreenPak offriet li tisponsorja ħames *bins* jekk il-Kunsill jixtri ħames *bins* oħra minn dawk li qed toffri. Il-Kunsillier Liam Sciberras ippropona lil-Kunsill għandu jilqa' din l-offerta ħalli l-pendenza tal-*bins* tkun solvuta. Ma kienx hemm oġġeżjoni għal din il-proposta. Tressqet kwotazzjoni biex isiru rampi tal-konkos ta' tlett entratturi fil-Jogging Track biex jiġu livellati mat-track li tammonta għas-somma ta' €990.00. Ma kienx hemm deċiżjoni iżda l-Kunsill qabel li għandu jsir kuntatt mal-kuntrattur li ħadem fuq it-*track* dwar dan ix-xogħol.

***26.2.2.2*** Il-Kunsillier Liam Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi *feedback* dwar is-CCTV Cameras fis-*subway* fi Triq tal-Barrani. Huwa talab li jintbagħt *gentle reminder.*

**26.2.2.3** Il-Kunsilliera Caroline Galea staqsiet jekk kienx hemm xi *feedback* dwar l-irrekordjar tal-Minuti. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li għad ma rċevitx risposta

**26.2.3** Il-Minuti tal-laqgħa numru 25-17 ġew approvati mill-Kunsill

**26.2.4** Il-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita' 2017 ġew approvati. Il-membri tal-Kunsill qalu li dawn kienu qrawhom u ħadu nota tal-kummenti li għamlu r-residenti.

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**26.3.1** ***Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi f'Dawret it-Torri u l-Picnic Area***

Is-Sindku tkellem dwar is-servizz li qed jingħata fuq tindif u manutenzjoni taż-żewġ latrini pubbliċi f'Santa Luċija. Huwa qal li qed ikun hemm ħafna vandaliżmu u s-Segretarju Eżekuttiv qed tibgħat ħafna *e-mails* lil kuntrattur fuq nuqqas ta' żamma ta'ndafa u nuqqas ta' manutenzjoni adekwata. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kważi kull ġimgħa qed ikollha tqabbad lil min jiftaħ it-*toilets* għax dawn qed jiġi kontinwament miżduda. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din is-sitwazzjoni u ġie stabbilit li għandu jsir avviż f'kull latrina biex ħadd ma jitfa affarijiet bħal ħrieqi u affarijiet oħra li jistgħu jsoddu t-*toilets*. Il-Viċi Sindku qal ukoll li hemm bżonn li titwaħħal *bracket* bil-lampa ma' arblu eżistenti li hemm mal-5-a-side biex ikun hemm aktar dawl fuq l-entratura tal-latrina f'Dawret it-Torri. Is-Sindku qal li għalih dan il-kuntratt jista' jiġġedded iżda qabel kien ser jiltaqa' mal-kuntrattur fir-rigward ta' dan is-servizz.

**26.3.2** ***Measuer 4.3 the Enhancement / Improvement of farm access roads***

Is-Sindku tkellem u ta' tgħarif dwar laqgħa li kien attenda għaliha li matulha ngħatat informazzjoni dwar Measure 4.3 u l-applikazzjoni għal fondi biex isir xogħol ta' kisi ta' toroq rurali. Saret referenza għat-toroq f'Wied Garnaw u għall-stimi li kienu saru fis-sena 2011 fuq l-*upgrading* ta' dawn it-toroq biex sar kalkolu tal-istima nvoluta. Ġie nutat li l-Kunsill irid iħallas s-somma ta' 10% bħala co-*financing*. Ġie deċiż li ssir revisjoni tal-istimi biex jiġu rrangati dawn it-toroq u l-Kunsill qabel li japplika taħt Measure 4.3 biex isiru t-toroq mgħarufa bħala Sqaq Limiti ta' Garnaw u Triq Garnaw.

**26.3.3** ***Ħaddiem CIES***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li l-ħaddiem taħt l-iskema tas-CIES kien informa lil Kunsill uffiċjament li mhux ser jibqa' jaħdem taħt din l-iskema għax sab xogħol ieħor. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill ser jingħata ħaddiem taħt l-iskema CIES fuq bażi *part-time* fuq xogħol klerikali. Il-Kunsill ġie nfurat ukoll lill-persuna bi bżonnijiet speċjali li kienet tagħti servizz ta' Ground Attendant irriżenjat minn din il-kariġa biex tkun eleġibbli għal dan l-impjieg.
Is-Sindku ppropona lix-xogħol ta' *security* fil-ġnien li kien jagħmel il-ħaddiem tas-CIES li ser jispiċċa, jista' jgħamlu wieħed mill-ħaddiema tal-Iskema ta' Xogħol fil-Komunita peress li dan, ix-xogħol li jagħmel huwa relatat mal-ġnien.
Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li l-Kunsill irid isib min jagħlaq il-5-a-side fis-7.00p.m. u fil-*weekends*.

**26.3.4** ***Piż Tajjeb Tul Ħajtek***

Is-Sindku nforma l-Kunsill li d-Direttorat tal-Promozjoni tas-Saħħa u Prevenzjoni ta' Mard ma kienx lest li jħallas għas-servizz ta' kuratur biex ikomplu jsiru dawn il-*courses* fi Ġnien is-Serenita' wara l-ħinijiet tal-uffiċċju. Il-Kunsill reġa kkonferma li għalkemm jixtieq, mhux possibli jerfa din l-ispiża.

**26.3.5** ***Talba għall-laqgħa mal-Kunsill***

Is-Sindku ressaq talba min individwu li jagħmel xogħol ta' volontarjat maż-żgħażagħ minn Santa Luċija. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li dan l-inidividwu primarjament għandu bżonn jirreġistrat ruħhu u jġib Volunary Registration Number. Is-Sindku qal li kien ser ikellmu f'dan ir-rigward.

**26.3.6** ***Tweġiba mll-Awtorita' tad-Djar***

Is-Sindku qara t-tweġiba tal-Awtorita' tad-Djar fir-rigward tal-ħsarat fl-apparat elettroniku li kellhom residenti fi Triq Gardenja wara xogħol li sar mill-kuntrattur tal-Awtorita' tad-Djar. Permezz ta' din l-ittra l-Kunsill kien ġie nfuramat li mhemm l-ebda evidenza li turi li dan il-kuntrattur għamel xi ħsarat.

**26.3.7** ***Talba għal Użu ta' Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku tkellem dwar talba li l-Għaqda Zak resqet biex tagħmel attivita' Easter Egg Hunt fi Ġnien is-Serenita'. Is-Segretarju Eżekuttiv qrat xi korrispondenza li kellha ma rappreżentanti ta' din l-għaqda li

taw aktar dettalji dwar din l-attivita'. Saret diskussjoni u l-Kunsill qabel li billi din hija għaqda filantropika għandu jinħareġ il-permess bil-kondizzjoni li ma jsirx bejgħ ta' xorb u ikel u li l-post jitħalla nadif.

**26.3.8** ***Talba għall-użu tal-Pavillon fi Ġnien is-Serenita'***

Is-Sindku qal li kien kellmu individwu li jaħdem fis-settur tal-Hairdressing li xtaq jorganizza *seminar* fil-Pavillon ta' Ġnien is-Serenita'. Il-Kunsill iddiskuta fit-tul din it-talba u qabel li jistenna aktar dettalji dwar din l-inizjattiva qabel jieħu deċiżjoni dwar il-kontribuzzjoni dovuta.

**26.3.9** ***Homework Club***

Is-Sindku ta nformazzjoni dwar il-Homework Club u qal li sa issa nkitbu sitt itfal. Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li hemm bżonn ta' aktar siġġijiet. Huwa qal li trid issir *press release* kif rikjest fiċ-Ċirkulari 35-2016. Dwar ix-xiri ta' *computers* is-Segretarju Eżekuttiv qalet li trid issir sejħa għall-kwotazzjonijiet bis-sistema tal-*epps* u qabel ikollha l-approvazzjoni tal-Kunsill fuq l-*opening staff* u l-*evaluators* ma tistax tipproċedi. Hija qalet li dan l-*item* qiegħed fuq l-Agenda ta' din il-laqgħa.

**26.3.10** ***SEAP***

Saret referenza għall-*commitment* li kien daħal għalih il-Kunsill fir-rigward tal-Convenant of Mayors. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li hemm bżonn li s-SEAP tiġi *updated* bil-miżuri li ħa l-Kunsill biex jilħaq l-għan ta' dan il-*commitment*. Hija qalet li peress li hemm xogħol tekniku nvolut hemm bżonn li ninkarigaw lil xi ħadd li jista' jagħti dan is-servizz. Ma kienx hemm deċiżjoni f'dan ir-rigward.

**26.3.11** ***Ilmenti u Suġġerimenti mir-residenti***

Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill diversi ilmenti u suġġeriment tar-residenti.
Dwar ilment li qed iżomm l-ilma ħdejn iż-*zebra crossing* fi Triq Ineż Soler, is-Sindku qal li qed jiġi iċċekjat jekk hemmx xi sadd fil-pajpijiet li hemm f'din l-*area*. Hawnhekk il-Kunsilliera Galea staqsiet jekk kienx hemm xi risposta minn Trasport Malta dwar il-*gutter* f'Dawret it-Torri Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mill-informazzjoni li għandha jidher li qed isir kuntatt mad-Direttur Generali dwar dan ix-xogħol u l-Kunsill ser jinżamm infurmat.

Dwar proposta biex isir *disabled badge parking bay* ħdejn il-Knisja, il-Kunsill iddiskuta u qabel li jissuġerixxi li jsiru żewġ *parking bays* għad-*disabled* fil-*parking area* tal-knisja.

Dwar suġġeriment biex issir tabella fuq in-naħa ta' fuq ta' Triq Helen Buhagiar biex ma' jidħlux trakkijiet, il-Kunsill ser ikun qed jikkunsidra din it-talba meta jkun ser jimplimenta sistema ta' *one-way* f'diversi toroq.

Dwar talba biex is-*sleeping policeman* fi Triq Prinjoli jsiru tat-*tarmac* peress li dawk tal-lastiku jikkawżaw ħsara fil-karozzi, l-Kunsill innota lis-*sleeping policeman* qiegħda hemm biex wieħed jieqaf u jitla bil-mod fuqha ħalli l-vettura ma jagħtihix skoss.

**26.3.12** ***Gutter fi Triq Prinjoli***

Is-Sindku nforma l-Kunsill dwar *site-meeting* li kien sar fuq il-*gutter* fi Triq il-Prinjoli mal-Perit tal-Kunsill u l-Kuntrattur Ricky Caruana. Huwa qal li l-kuntrattur ħareġ kwotazzjoni bażata fuq id-deskizzjoni tax-xogħol li kien ħejja l-perit. Huwa nforma l-Kunsill li l-kwotazzjoni kienet ta' €1150.00 Vat eskluż u €89.00 għal kull kaptell li jinbidel. Qamet diskussjoni u l-Kunsill qabel li dan ix-xogħol irid isir.

**26.4** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**26.4.1** Il-Kunsillier Liam Sciberras qal li kien bagħt *e-mail* dwar ħsarat fuq il-bankina fi Triq Gjacinti ma' Triq Petunja u staqsa jekk dawn ġewx irranġati. Is-Sindku qal li dik il-bankina hija bl-*inprint concrete* u kien ser jara x'jista jsir.

**26.4.2** Il-Kunsilliera Caroline Galea qalet li xtaqet tkun taf min kien preżenti u x'intqal waqt il-laqgħa li saret ma' Dr Mark Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal li ma Dr Mark Sant iltaqgħu hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u ġew diskussi proġetti pendenti u dawk li l-Kunsill għandu ppjanat li jsiru fil-futur. Is-Sindku semma l-proġett li qed jipproponi l-Kunsill mal-Gal Xlokk u qal li kien informa lil Dr Sant li jidher li dan hu *in-line* mal-criteria għal proġetti li jistgħu jiġu finanzjati

taħt il-Programme Leader.

**26.4.3** Il-Kunsillier Joe Bonello qal li kien bagħt e-mail dwar iċ-ċanet tal-ħamrija u qal li kien iddisgustat bix-xogħol li sar mill-ħaddiema tal-ELC. Qamet diskussjoni u semmew xi inċidenti oħra dwar l-andament ta' dan ix-xogħol.

**26.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

**26.5.1** Billi kien sar il-ħin ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li hemm tlett skedi ta' pagamenti li għadhom ma ġewx iffirmati.

**26.5.2** Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m u ġiet aġġornata għall-data li kellha tiġi deċiża aktar tard.

Konfermati, illum il-Ħamis 23 ta' Marzu 2017

**IFFIRMATA**

Terrence Ellul
Sindku

**IFFIRMATA**

Caroline Silvio
Segretarju Eżekuttiv